Vince Grech *u* David Camilleri *jintervistaw lil Ġorġ Gatt...*

# "Ilni 38 Sena fil-Kumitat, illum il-ġurnata sirt l-iktar membru anzjan fil-Kumitat tal-Banda tal-Qalba"



**Isem: Ġorġ Gatt, magħruf bħala r-"Rice"**
**Data tat-twelied: 19 ta' Ġunju, 1940**
**Età: 72 sena**

**Ġorġ xi tgħidilna dwar il-familja tiegħek?**

Twelidt fid-19 ta' Ġunju, 1940. Missieri kienu jismu Ġovanni Gatt u ommi Ermerinda Bugeja, għalkemm kulħadd kien jafha bħala "Dinda", u ħija żgħir, Vince.



The President and Members of the "Pinto Band"
request the pleasure of the company of two members
at the Ceremony of the Blessing of the New Club Premises by the Very Rev. Antonio Vella, Miss. Ap., Curate of the Parish of Casal Curmi, on the 17th December, 1933, at 9 a.m.

Palazzo Fil. Pinto
119 & 120, Sda. S. Sebastiano
Curmi.

R.S.V.P.
Club Secretary

*Invit li Ġorġ tant jgħożż... il-ftuħ tal-Każin attwali mill-Banda Pinto*

Ġejt mgħammed minn Dun Gejt bl-isem ta' Ġorġ għan-nannu. fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija fil-parroċċa ta' San Sebastjan li kienet għadha kif twaqqfet 4 snin qabel. Peress li kien hawn il-gwerra, in-nannu Ġorġ kien qal lil missieri biex immorru noqogħdu magħhom fi Triq il-Kardinal Sciberras fil-parroċċa ta' San Ġorġ.

Missieri kien jaħdem id-'dockyard', filwaqt li ħija kien ħaddiem mal-Gvern. Jien bħal missieri kont naħdem id-'dockyard' fejn għamilt 47 sena.

Fl-1967 iżżewwiġt lil Irene Camilleri . Kellna lit-tifel Jason u llum nanniet ta' żewġ neputijiet.



"In-nannu Ġorġ għamel 38 sena jservi fil-kariga ta' kaxxier."

**Il-Bastjaniżi kollha jassoċjawk mal-Każin. Kif beda s-sehem tiegħek fil-Każin?**

In-namra lejn il-Kazin ħadtha mingħand missieri, fejn lil missieri kien għaddihielu n-nannu, filwaqt li dan kien ħadha mingħand il-bużnannu.

Il-bużnannu Ġiljan kien fil-kumitat u għalkemm il-bużnannu Ġiljan laħaq it-twaqqif tal-Każin, skont riċerka li qed jagħmel Vince Peresso fuq l-istorja tas- Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan f'għeluq il-150 sena mit-

twaqqif tagħha, sal-ewwel 20 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà, ma kien hemm ħadd fil-kumitat mill-familja tar-"Rice".



Warajh imbagħad, in-nannu Ġorġ, li fost karigi oħra li serva fihom kemm dam fil-kumitat, għamel l-aħħar 38 sena jservi fil-kariga ta' kaxxier.

Imbagħad missieri, kemm dam fil-kumitat, serva bħala Delegat tal-Banda. Waħda mill-affarijiet li niftakar meta kont għadni żgħir hija li missieri kien għen biex is-Soċjetà jkollha bil-miktub liema kienu l-postijiet li servew ta' sede għas-Soċjetà matul iż-żmien. Ħafna minnhom kienu ġewwa l-Paroċċa ta' San Ġorġ peress li s-Soċjetà bdiet minn hemmhekk. Niftakar lil missieri jgħin biex jittieħdu r-ritratti ta' dawn il-postijiet, liema ritratti kienu ġew ippublikati fil-fuljett tal-festa li joħroġ il-Każin. Ta' min isemmi illi bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-150 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà, fit-3 ta' Ġunju ta' din is-sena, sar marċ li għadda minn kull fejn is-Soċjetà kellha s-Sede tagħha u ma' kull bieb ġew imqiegħda l-fjuri.



Is-Sur Vincenzo Bugeja u s-Sinjura

Is-Sur Giorgio Gatt u s-Sinjura

ERMELINDA

GIOVANNI

GIOVANNI GATT

ERMELINDA BUGEJA

Missieri kien ukoll bandist. Kien idoqq il-klarinett.

Barra min hekk, in-nannu Ċensu, missier ommi, ukoll kien bandist ma' Tal-Qalba, fejn kien idoqq l-klarinett ukoll.

"Ommi u missieri, kienu l-unika koppja s'issa li għamlu r-riċeviment tat-tieġ ġewwa l-każin!"

Interessanti huwa l-fatt illi ommi u missieri, kienu l-unika koppja s'issa li għamlu r-riċeviment tat-tieġ ġewwa l-każin! Tant kemm il-familja ta' missieri kienu midħla tal-każin, li meta n-nannu Ġorġ mar jagħti l-invit lil tal-Kumitat, il-Kumitat dehrlu li ma kienx xieraq li l-festin isir ġewwa dar fi Triq San Ġużepp kif kien maħsub, għalhekk offrewlhom is-sala tal-każin, fejn filfatt sar.



*Marċ fil-festa Bastjaniża fl-1955*

Barra minn hekk fit-tieġ tagħna kelli l-avukat Benny Delia, il-President tal-Każin ta'

dak iż-żmien, bħala xhud. It-tifel Jason, kien ukoll għal xi żmien fil-kumitat fejn imbagħad kellu jieqaf minħabba raġunijiet familjari, pero' xorta waħda għadu nvolut fil-festa Bastjaniża.

**Kemm ilek fil-kumitat Ġorġ?**

Dħalt l-ewwel darba fil-Kumitat wara li kien ħajjarni missieri fl-1974 u għadni hemm sal-lum. Ilni 38 sena fil-kumitat u llum il-ġurnata sirt l-iktar membru anzjan fil-kumitat. Mit-38 sena li ilni, ilni madwar 20 sena bħala Delegat tal-Banda.

L-ewwel kariga li kelli kienet dik ta' Assistent Kaxxier, flimkien mal-mibki Ġamri Grech iċ-Ċenċulin li kien Assistent Kaxxier ukoll.

F'elezzjoni oħra tal-kumitat, ġejt magħżul bħala Assistent Segretarju. Biss wara ftit xhur, is-Segretarju ta' dak iż-żmien minħabba raġunijiet familjari kien irreżenja u minħabba f' hekk il-kumitat kien offrieli l-kariga ta' Segretarju, fejn domt inservi hekk għal xi snin. Imbagħad kont għamilt diversi snin Assistent Segretarju ma' Vince Peresso li kien is-Segretarju.

Sa sena ilu kont għadni fl-istess kariga ta' Assistent Segretarju, imma wara l-aħħar kumitat ġejt magħżul bħala Viċi-President tal-Banda, filwaqt li l-Viċi-President l-ieħor huwa responsabbli mill-attivitajiet tal-Każin.

**X' jinvolvi meta tkun responsabbli mill-Banda?**

Dan ifisser illi trid tara li l-banda hija armata sew, tara jekk għandniex strumenti biżżejjed u jekk humiex fi stat tajjeb. Barra minn hekk, trid tara li għandek l-iktar ħaġa mportanti ... il-bandisti. Meta ma jkollniex biżżejjed bandisti tal-post, tkun trid taqla' l-barranin. Biċċa xogħol li tinvolvi ħafna xogħol ta' karti kontra karti u ħafna telefonati, għax dan qisu għandek mgħallem li jrid iħallas lill-ħaddiema.

Tajjeb li ngħid, li kull darba li naqilgħu il-bandisti barranin, lill-Każin tiġi tiswieh ħafna flus.

Aktar xogħol marbut mal-banda huwa li trid tieħu ħsieb li torganizza l-marċi u l-kunċerti li fihom iddoqq il-banda. Dan ix-xogħol isir flimkien mal-Kummissjoni Banda u s-Surmast.

Meta sfortunatament imut xi ħadd, u jkun se jsirlu funeral bil-banda, dik tkun bħal sajjetta fil-bnazzi. Ikun irid isir ħafna xogħol u ta' malajr.

**Ġorġ int taf iddoqq xi strument?**

Peress li missieri kien idoqq il-klarinett, kont bdejt nitgħallem il-klarinett, imma ma komplejtux. Minflok kont tgħallimt u bdejt indoqq il-Mouth Organ.

Niftakar illi fl-1956, fi żmien is-Surmast Magri, l-Assistent Surmast Frans Formosa xtaq li jgħaqqad il-*band* Harmonica, kif fil-fatt kien sar.

Niftakarni konna mmorru ndoqqu diversi postijiet, fosthom: fil-Phoenicia Hotel, Radio City u l-Vernon Club li kien fejn illum il-ġurnata jinsab il-Bank Ċentrali ta' Malta.

Niftakar meta l-Każin kien ikkompeta fil-Karnival b'din il-Harmonica Band bl-isem ta' "Merry Cock Riders" (Ġerejja fuq is-Sriedak).



*Ġorġ mal-Ġerejja fuq is-Sriedak tal-Harmonica*

Niftakar meta l-Każin kien ikkompeta fil-Karnival bil-*band* Harmonica bl-isem ta' "Merry Cock Riders" (Ġerejja fuq is-Sriedak).



*Ġorġ fuq il-koppla tal-knisja*



*It-Tazza taċ-Champions u Trevor Francis fil-Każin tas-Soċjetà*

**Tiftakar xi avvenimenti partikolari tal-Każin?**

Niftakar il-100 sena anniversarju tal-Każin fl-1962, fejn wara diversi diffikultajiet kienet issolviet il-"Kwistjoni tal-Patrijiet". Ma ninsa qatt, id-diffikultajiet tas-Soċjetà biex ma titwaqqafx banda oħra fl-istess parroċċa, fejn b'hekk bqajna magħqudin.

Ta' min isemmi ukoll, meta l-Banda Pinto kienet tieħu sehem bil-kbir fil-festa tal-Qalb ta' Ġesu. Kienet issir ċelebrazzjoni kbira fejn l-istatwa ta' San Pawl. Bħala persuna li jien attiv fil-banda, huwa ta' pjaċir kbir għalija li f' dawn l-aħħar sentejn il-banda reġgħet bdiet iddoqq waqt il-Purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesu'.

Il-Banda kienet ukoll tieħu sehem fil-Purċissjoni tad-Duluri, fejn il-Banda kienet idoqq marċi mill-arkivju kbir li għandha tal-marċi funebri.

Wieħed mill-iktar avvenimenti għal qalbi li niftakar u li nibqa' ngħożż b' qalbi kollha kien meta l-Banda Pinto kienet ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjoni li saret fil-ftuħ tal-knisja l-ġdida ta' San Sebastjan. Niftakarni xi jumejn qabel, kelli l-okkażjoni li nitla' sa fuq nett tal-koppla, sa ħdejn il-lanterna. Dik l-okkażjoni ma ninsiha qatt !

Avveniment speċjali ieħor seħħ fit-tmenijiet. Konna ġibna għall-wiri il-European Cup flimkien mal-plejer leġġendarju Trevor Francis li dak iż-żmien kien jilgħab mat-tim tan-Nottingham Forest li huwa wkoll it-tim favorit tiegħi. Trevor Francis minbarra li jibqa' magħruf għat-tjubija tiegħu, jibqa' imfakkar li kien l-ewwel plejer li nbiegħ għal miljun lira sterlina fil-futbol Ingliż! Jiena, bħala supporter kbir tan-Nottingham Forest, kont ukoll fil-kumitat tan-Nottingham Forest Supporters Club. Minħabba uġigħ li kien sofra waqt xi logħba,

kien għamel żmien twil wieqaf mil-logħob, u jiena flimkien ma' sħabi bis-saħħa tal-kuntatti u relazzjoni tajba li kellna man-Nottingham Forest, konna ġibnih Malta flimkien mal-European Cup jew kif nafuha aħna l-Maltin bħala t-tazza taċ-Champions.

Għadni niftakar qisu lbieraħ l-entużjażmu u l-ferħ li kien hawn fil-każin meta rnexxielna nġibu t-tazza li llum hi taċ-Champions League għall-wiri ġewwa l-Każin Pinto flimkien ma' Trevor Francis. Niftakar illi n-nies ma ridux jiefqu ġejjin biex jaraw din it-tazza u jiltaqgħu ma' Trevor Francis u jieħdu r-ritratti magħhom.

Aspett ieħor li niftakar huwa meta l-festa Bastjaniża kienet għadha qed tikber. Wara l-gwerra, fis-snin ħamsin, l-festa kienet tkun 3 ijiem biss, mill-Ġimgħa sal-Ħadd. Għall-bidu ftit kienu jiġu nies. Biss biss fil-marċ konna nkunu lebsin bil-ġlekk! Mur arak illum tinżel il-marċ bil-ġlekk! Illum differenti ħafna minn dari. Illum l-festa Bastjaniża saret waħda mill-akbar festi ta' Malta u li jiġu għaliha ħafna nies.

**Tara xi differenzi bejn il-banda llum u l-banda qabel?**

Illum il-ġurnata huwa differenti ħafna mit-twaqqif tas-Soċjetà. Il-bandisti kienu jkunu kollha tal-post. Sfortunatament illum il-ġurnata, l-bandisti tal-post wara ċertu żmien ma jibqgħux jattedu għas-servizzi tal-banda b'mod regolari minħabba diversi mpenji personali. Għalkemm is-Soċjetà għandha numru sabiħ ta' bandisti, fid-dinja tal-lum li hija mimlija impenji, saret diffiċli li tlaqqa l-banda sħiħa ħlief f'xi festi kbar bħal ngħidu aħna l-programm tal-festa fejn il-bandisti jattendu għalih bi ħġarhom u programmi oħra popolari. Minn hawn nixtieq nagħmel appell lill-bandisti Tal-Qalba sabiex fejn huwa possibli jkunu iktar disponibbli lejn is-Soċjetà.

**Kif tqatta' l-ġurnata Ġorġ?**

B'mod inġenerali, filgħodu ngħin ħafna lill-mara fl-affarijiet tad-dar fosthom fix-xiri tal-bżonnijiet ta' kuljum u l-bqija nqatta' ħafna ħin il-każin jew id-dar nagħmel xogħol relatat mal-każin.

**Ġorġ, x'appell għandek għandek għaż-żagħżagħ Bastjaniżi?**

Nixtieq ħafna li ż-żgħażagħ tagħna jinvolvu iktar irwieħhom fl-amministrazzjoni tal-għaqdiet tal-festa Bastjaniża għax minbarra li niċċelebraw il-festi ċentinarji, irridu u huwa importanti ferm li jkun hawn tkomplija fix-xogħol tal-għaqdiet. Minn qalbi nixtieq nagħmel appell lil dawk iż-żgħażagħ li għandhom għal qalbhom l-mużika strumentali u l-banda biex jidħlu fl-amministrazzjoni u jieħdu ħsieb ir-responsabilta' tal-Banda biex is-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan tkompli tibni fuq is-suċċessi li kisbet f'dawn il-150 sena. Fl-aħħar nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-bandisti u soċji tal-Każin u lilkom tal-Armar, lill-għaqdiet kollha tal-parroċċa u lill-Bastjaniżi kollha.

***Waqt li qed ninterivistawh, sirna nafu li dakinhar kien għeluq snin Ġorġ ... 72 sena! Aħna min-naħa tagħna, f'isimna u f'isem l-Għaqda Armar San Sebastjan nawguraw lil Ġorġ ir-Rice xewqat mill-isbaħ u jalla l-Mulej ikompli jagħti s-saħħa u l-paċi lilu u lill-familja tiegħu, ħalli jibqa' jaħdem għall-każin Tal-Qalba li huwa tant għażiż għalih u għall-Parroċċa Bastjaniża.***